MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2008

Numru 330/2007

Il-Pulizija
(Spettur A Portelli)

vs

Stephen Cucciardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 318570(M) akkuzat talli:

1. x'imkien bejn il-Marsa u l-Fgura f'xi hin qabel is-7:30p.m. tat-12 ta' Frar 2007, waqt li kien ma' persuna ohra, ikkommetta serq ta' chaser minn vettura ta' ghamla u numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, liema serq huwa kkwalifikat bix-"xorta tal-haga misruqa", liema serq sar ghad-dannu ta' persuna jew persuni mhux maghrufa;

2. nhar it-12 ta’ Frar 2007 f’xi hin qabel is-7:30p.m., xjentament laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, u cioè laqa’ ghandu chaser misruq, liema serq sar ghad-dannu ta’ persuna jew persuni mhux maghrufa jew xjentament b’kull mod li jkun indahal jew biegh jew mexxa.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammisjoni baqa jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi li jirrigwardjaw serq aggravat.

Rat il-fedina penali ta’ l-imputat.

Rat l-Artikolu 261 (g), 271, 281 tiddeciedi wara li qieset ic-cirkostanzi li tapplika l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ tlett snin u bil-kondizzjoni esplicità li l-imputat jissottometti ghat-test ta’ l-urina minn ta’ l-inqas darba fix-xahar jew f’kull zmien kif jigi ordnat mill-ufficjal tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------